MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 590/2007

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 646/07 fl-ismijiet:**

**Mario XERRI u martu Rita Xerri**

**vs**

**Anthony MUSCAT, u martu Violet Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta' Mejju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti eżekutati miżżewġin Muscat talbu li din il-Qorti tħassar għal kollox jew f'parti minnu l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrihom fit-30 ta' April, 2007, biex jikkawtela pretensjonijiet imressqin mill-intimati eżekutanti miżżewġin Xerri f'kawża mressqa tlitt ijiem qabel[1], u dan minħabba li

[1] Rik. Nru. 481/07JRM

l-imsemmi Mandat mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ u lanqas ma huwa meħtieġ u ġustifikabbli għall-finijiet tal-artikoli 836(1)(b)(ċ)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema Mandat inħareġ b’ħażen u għal raġuni fiergħa u vessatorja. Talbu wkoll li l-intimati eżekutanti miżżewġin Xerri jħallsuhom penali kif maħsuba fl-artikolu 836(8)(ċ) jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u li l-istess intimati jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas ta’ penali, danni u mgħax li jistgħu jiġu imposti, fin-nuqqas ta’ liema garanzija fiż-żmien mogħti mill-Qorti, l-Mandat jitħassar, għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Ġunju, 2007, li bih appuntat ir-rikors għas-smigħ tas-6 ta’ Ġunju, 2007, u ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati eżekutanti miżżewġin Xerri li opponew b’qawwa għat-talbiet tal-eżekutati għaliex qalu li qatt ma ngħataw garanzija li l-pretensjonijiet tagħhom kienu assikurati mod ieħor jekk mhux bil-ħruġ ta’ Mandat. Huma jiċħdu wkoll li ngħataw xi korrispondenza mingħand il-kumpannija assikuratriċi tal-istess rikorrenti li kienet tgħidilhom li sejra tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħhom kontra l-eżekutati. Għall-kuntrarju, r-rikorrenti eżekutati ikkontestaw talba għall-ħlas dwar ħsara diġa’ mġarrba mill-eżekutanti. L-intimati juru li lanqas il-polza ta’ assikurazzjoni li jistrieħu fuqha r-rikorrenti ma tista’ tgħinhom għaliex, skond l-intimati, l-klawsoli tagħha ma jkoprux ir-raġuni jew il-kawża tal-ħsara li saret fid-dar tagħhom. Huma jżidu jgħidu li, hekk kif saru jafu li bis-saħħa tal-Mandat żewġ sekwestratarji għaddew biex iddepożitaw is-somma kawtelata taħt l-awtorita’ tal-Qorti, l-istess intimati talbu lill-Qorti tawtorizża r-rilaxx ta’ depożitu minnhom ħalli r-rikorrenti ma jbatux għalxejn. Fl-aħħarnett, jiċħdu li jeżistu l-kundizzjonijiet biex din il-Qorti tikkundannahom iressqu garanzija xierqa favur ir-rikorrenti eżekutati jew li jkunu kundannati jħallsuhom penali;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-Mandat u d-dokumenti mressqin mill-partijiet fl-atti ta' dan ir-Rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2007, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jridu li jitneħħew l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ mill-intimati kontrihom u dan għaliex l-imsemmi Mandat qiegħed jagħtihom isem ħażin ma' terzi, u wkoll għaliex l-intimati eżekutanti kienu jafu li huma għandhom polza ta' assikurazzjoni li tipproteġihom, u wkoll għaliex, bil-ħruġ tal-Mandat, inżammu f'idejn is-sekwestratarji flejjes aktar minn kemm intalab fil-Mandat innifsu;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti bħala dawk li għalihom hija qegħdin jitolbu r-rimedji msemmijin fir-rikors tagħhom huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti; (b) li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimati eżekutanti; (ċ) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (d) fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll li l-intimati eżekutanti jiġu ordnati jħallsuhom penali u li jagħtu garanzija xierqa, fiż-żmien li l-Qorti tagħtihom, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huma jistgħu jiġu kundannati jħallsu lir-rikorrenti eżekutati minħabba l-ħruġ tal-Mandat. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba. Fl-aħħarnett, qegħdin jitlobu wkoll li jekk kemm-il darba l-Qorti ma ssibx li għandha tordna t-tħassir tal-Mandat, l-intimati għandhom jiġu ordnati jressqu garanzija tajba biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u għad-danni u mgħax;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat, u dan ukoll minħabba l-fatt li l-intimati eżekutanti ressqu kawża fil-mertu li għandha tibda tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat ta' Sekwestru relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti fit-30 ta' April, 2007 u kien notifikat dak inhar stess lil erba' sekwestratarji li huma lkoll banek kummerċjali. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' sittax-il elf lira Maltija (Lm 16,000) u l-kawżali hija d-danni mġarrba mill-intimati eżekutanti fil-fond tagħhom waqt twaqqigħ u skavar fil-fond tar-rikorrenti eżekutati;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu t-talbiet tagħhom. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi r-rikorrenti jsemmu erba' kawżali li dwarhom jistennew li t-talbiet tagħhom jiġu meqjusa:

A) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-

---

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[3] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[4]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrenti ma seħħilhomx, min-naħa tagħhom, juru lil din il-Qorti (kif kienu fid-dmir li jagħmlu, għax il-piż tal-prova jaqa' fuqhom f'dawn il-proċeduri) x'inhi sewwasew il-ħtieġa li naqset **wara** l-ħruġ tal-Mandat;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti jgħidu li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimati eżekutanti tinsab f'polza ta' assikurazzjoni li nħarġet biex tkopri kontra l-ħsarat li l-post tal-intimati eżekutanti jista' jġarrab waqt u minħabba x-xogħlijiet li kienu (u għadhom) qegħdin isiru fil-post tar-rikorrenti. Jidher li huwa aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess intimat eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor";

Illi l-polza ta' assikurazzjoni li l-eżekutati Muscat isemmu bħala garanzija oħra xierqa minflok il-Mandat hija

[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

"*Contract Works Policy*"[5] maħruġa mill-kumpannija Elmo Insurance Ltd. favur ir-rikorrent eżekutat Anthony Muscat u l-kuntrattur u sub-appaltaturi mqabbdin minnhom. Din il-polza nħarġet fis-26 ta' Mejju, 2006, b'seħħ mill-5 ta' Ġunju ta' dik l-istess sena u tibqa' tgħodd għal żmien sentejn. L-imsemmija polza tirrigwarda l-post fejn għandhom isiru x-xogħlijiet, filwaqt li l-prinċipal taħt il-polza huwa l-istess rikorrent eżekutat[6]. Jirriżulta wkoll li dwar ħsara lil proprjeta' ta' terzi minħabba u waqt ix-xogħlijiet li jkunu għaddejjin[7] hemm żewġ kundizzjonijiet li **jorbtu lill-assikurat** li (a) iwaqqaf minnufih ix-xogħol u minn butu jagħmel l-ispejjeż kollha meħtieġa għat-tiswijiet u jrieġi l-bini ta' terzi u (b) f'kull każ, li l-ewwel Lm 2,000 ħsara jew 20% tal-ħsara kollha (liema somma tkun ogħla) jrid jagħmel tajjeb għaliha l-istess assikurat u mhux l-assikuratur tiegħu. Minbarra dan, ix-xhud Jeffrey Scorey[8] (rappreżentant tal-assikuratur), għalkemm qal li ma jeskludix li l-ilment tal-eżekutanti Xerri jista' jaqa' f'xi biċċa minnu taħt it-termini tal-polza, xehed ukoll li f'kull każ, ladarba nfetħet kawża, l-assikuratur mhux awtoriżżat jawtorizza l-ħlas ta' kumpens għax issa jiddependi biss minn kif il-Qorti taqta' l-kwestjoni. Dan joħroġ ukoll mid-dikjarazzjoni magħmula mill-istess asskuratriċi f'Marzu ta' din is-sena[9], li hija wkoll marbuta mal-imsemmija polza u l-kundizzjonijiet stipulati taħtha;

Illi jingħad ukoll li t-tressiq fih innifsu ta' polza ta' assikurazzjoni bħala garanzija xierqa oħra għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi ma jwassalx, ġeneralment, għat-tħassir tal-Mandat, u dan għaliex il-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt bejn l-assikurat u l-assikuratur tiegħu, u ma toħloqx b'daqshekk biss jeddijiet favur il-kreditur tal-assikurat[10];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas fuq din il-kawżali ma ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandat;

---

[5] Polza Nru. 256-34087, Dok "AM3", f'paġġ. 17 sa 39 tal-atti

[6] Taqsima 1 "*Property Insured*" u Taqsima 2 "*Public Liability*", f'paġġ. 19-20 tal-atti

[7] Taqsima "*Vibration or Removal or Weakening of Support*", f'paġ. 28 tal-atti

[8] Xhieda tiegħu 19.6.2007, f'paġġ. 47-9 tal-atti

[9] Dok "ZM", f'paġ. 3 tal-atti

[10] P.A. GCD **26.10.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Office Technology Limited vs J.M. Supplies Company Limited***

C) L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. Ir-rikorrenti eżekutati jsemmu li minħabba fil-Mandat maħruġ mill-eżekutanti Xerri, huma ngħataw isem ħażin mas-sekwestratarji u wkoll minħabba li tnjen mis-sekwestratarji għaddew biex iddepożitaw b'ċedola l-ammont imsemmi fil-Mandat;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[11]. Minn dak li ħareġ mill-atti, jirriżulta li l-eżekutanti Xerri ressqu azzjoni għad-danni u dan wara li kienu ressqu wkoll ittra uffiċjali kontra r-rikorrenti eżekutati f'Jannar, 2007[12], għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kodiċi tal-Proċedura. F'din tal-aħħar, huma talbu l-ħlas ta' Lm 3547.62 għal spejjeż li nefqu biex għamlu tajjeb għal xi ħsara li saret f'Lulju tal-2006. Iż-żewġ pretensjonijiet tal-intimati Xerri huma kontestati mir-rikorrenti Muscat. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[13] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi ż-żewġ raġunijiet li fuqhom ir-rikorrenti jibnu l-ilment tagħhom taħt din id-dispożizzjoni ma jistgħux jitqiesu

[11] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[12] Dok "AM2", f'paġ. 15 tal-atti
[13] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

tajbin biex iwasslu għat-tħassir tal-Mandat. Fih innifsu, kull Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju jpinġi ħażin lid-debitur intimat mas-sekwestratarji. Minbarra dan, il-fatt li iżjed minn sekwestratarju wieħed iżomm l-ammont imsemmi fil-Mandat lanqas ma jġib li l-ammont mitlub fil-Mandat huwa wieħed eċċessiv. Ir-rimedju f’każ bħal dan hu li l-kreditur ma jibqax jinsisti li jinżamm b’kolox aktar minn kemm ikun talab fil-Mandat u jaqbel li jinħeles l-ammont żejjed. L-intimati nfushom stqarrew li, hekk kif saru jafu li saru żewġ depożiti tal-ammont miżmum mill-Mandat minn żewġ sekwestratarji differenti, kienu huma stess li talbu li jinħeles depożitu minnhom;

Illi, madankollu, mill-bqija r-rikorrenti ma semmew xejn iżjed biex juru li l-ammont pretiż mill-eżekutanti Xerri jmur lil hinn minn dak li jista’ jkun lilhom dovut jew li s-somma msemmija ntefgħet għal sieqha bl-addoċċ;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m’huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrenti jidher li jtennu r-raġunijiet miġjuba dwar il-kawżali ta’ qabilha. Iżda diġa’ ngħad li d-disaġju fih innifsu li jħoss l-intimat eżekutat fil-konfront tas-sekwestratarji m’huwiex ċirkostanza li tagħmel irraġonevoli ż-żamma fis-seħħ ta’ Mandat. Irid ikun jidher mad-daqqa t’għajn li, minħabba ċirkostanzi partikolari, ma jkunx iżjed għaqli jew meħtieġ li l-Mandat jinżamm fis-seħħ bla ebda ħsara għall-pretensjonijiet tal-eżekutant. Biex il-Qorti tista’ tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, ’il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimati eżekutanti m’għandhomx jedd għall-ħlas ta’ kumpens għad-danni li huma jgħidu li ġarrbu minħabba x-xogħlijiet magħmulin mill-eżekutati Muscat, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta’

kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[14]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutat;

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrenti ma tawhiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami weġġa' lir- rikorrenti. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi wieħed għandu jqis ukoll li, qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, ma kien mogħti l-ebda rimedju bħal dak mitlub illum mill-kumpannija rikorrenti għat-tneħħija ta' Mandat, sakemm kien ikun ġie mistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrenti jista' jkun li qegħdin iġarrbu ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat

[14] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[15];

Illi r-rikorrenti eżekutati talbu wkoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbu l-ewwelnett il-kundanna tal-intimati eżekutanti għall-ħlas ta' penali[16]; u talbu wkoll it-tqegħid min-naħa tal-intimati eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti jistgħu juru li ġarrbu minħabba l-Mandat[17]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[18]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qegħdin isejsu l-pretensjoni tagħhom fuq tnejn minnhom, jiġifieri dawk iċ-ċirkostanzi maħsubin taħt l-artikolu 836(8)(ċ) u (d) tal-Kap 12;

Illi ż-żewġ kawżali li sejrin jitqiesu f'dan ir-rigward jitkellmu dwar (a) iċ-ċirkostanzi tal-parti intimata dwar il-likwidita' tagħha; u (b) jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kenitx waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

[15] Art. 836(9) tal-Kap 12
[16] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[17] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[18] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tagħmel riferenza l-aktar għal dak li ngħad iżjed 'il fuq dwar il-kwestjoni tal-garanzija alternativa. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda provi jew argumenti li minnhom l-intimati eżekutanti ntwera li messhom ma kellhom l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tal-istess rikorrenti. Dak li joħroġ mill-atti hu biss li l-proġett li r-rikorrenti għandhom f'moħħhom li jagħmlu bl-iżvilupp tal-post tagħhom mistenni li jiswa mhux anqas minn Lm 165,000. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. L-atti tar-rikors ma juru li r-rikorrenti għamlu xejn minn dan kollu;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrenti jgħidu li l-ħruġ tal-Mandat kien malizzjuż, frivolu u vessatorju għaliex il-ħsara li qegħda ssirilhom m'hijiex mistħoqqa skond il-liġi u għaliex kull kreditu li l-intimati Xerri jista' jkollhom kontrihom ma kien qatt f'perikolu li ma jitħallasx. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimati eżekutanti kellhom raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitolbu l-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti. Minbarra dan, il-Mandat inħareġ wara li l-istess rikorrenti eżekutati kienu wrew bla tlaqliq u bil-mezz ta' att ġudizzjarju li huma kienu qegħdin jikkontestaw il-pretensjoni mressqa kontrihom mill-intimati eżekutanti b'att ġudizzjarju ieħor;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[19]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[20];

---

[19] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimati eżekutanti għandhom jiġu kundannati jħallsu penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess rikorrenti li 'l quddiem u fis-sedi opportuna jressqu pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom dik il-Qorti kompetenti tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward;

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimati eżekutanti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti naqsu li jressqu xi sottomissjoni partikolari, jew li jsemmu raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tagħhom;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[21]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[22]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

[21] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[22] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[23], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[24] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti Muscat billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħhom billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrenti eżekutati.

Mogħti kameralment illum, is-26 ta' Lulju, 2007.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[23] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[24] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***